MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2008

Rikors Numru. 14/2001/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Violet, Josephine, Helen, Maud, Margaret xebbiet u Gerald ahwa Briffa u b'digriet tal-15 t'Ottubru 2001 l-atti kienu trasfuzi f'isem Dr. Peter Caruana Galizia bhala prokuratur tal-assenti Michael, Derek u Geraldine sive Paula Briffa.**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal- Kummissarju tal-Art li jghid hekk::

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-ftehim datat 23 ta' Jannar 1969 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art 'Taz-Zejt' limiti ta' Birkirkara tal-kejl ta' madwar 5 tmiem tlett sieghan erba' kejliet u tmien decimi ta' kejla (5T 3S 4.8K) li tinkludi nofs il-wisa'

ta’ sqaq li tmiss mill-Majjistral ma’ Sqaq Qniezah, mit-Tramuntana ma’ proprjeta’ tas-Sinjorina Helen Grech u ohrajn u min-Nofsinhar parti ma’ proprjeta’ tas-Sur Carmelo Borg u parti ma’ proprjeta’ tas-Sinjorina Catherine Sammut huwa ta’ seba’ mija u ghaxar Liri Maltin (Lm710.00) kif jidher mir-rapport tal-Perit Edgar Xeureb A&CE. tat-12 t’Ottubru, 1968 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tat-12 ta’ Frar, 1969, l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettax il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ Lm5000 Liri Maltija

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghogbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88).”

Ra illi l-intimat nomine, debitament notifikat bl-att promutur, naqas milli jintavola risposta;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi x-xhud tal-intimat nomine, l-perit arkitett Roger Degiorgio xehed illi fi zmien kien inkarigat mis-sidien tal-art sabiex jaghmel stima tal-art de quo u kien wasal ghall-figura ta’ Lm5000. Fid-data tad-deposizzjoni tieghu, l-art, li hija “building site” kellha valur ta’ Lm50,000 it-tomna.

Illi l-membri teknici assenjati biex jassistu lil dan il-Bord l-Perit AIC Godfrey Vella u l-Perit AIC Michael Refalo wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-

segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma’ din is-sentenza:

Qed jigi prezenzjalment stmat li l-kumpens gust, partikolarment tenut kont tan-natura ta’ l-art in kwistjoni, ghandu jkun ta’ erbat elef u erba mija u erba u sittin Lira Maltin (Lm4,464);

Illi fl-ittra ufficjali taghhom tat-12 ta’ Frar 1969 l-intimati kienu talbu kumpens fil-valur ta’ Lm5000. Il-valur moghti mill-periti membri ghalhekk huwa wiehed rejali. Il-kumpens gust stabbilit mill-periti membri illum huwa ekwivalenti ghall-Euro 10,398.32 (ghaxart elef tlett mija tmienja u disghin euro u tnejn u tletin centezmu);

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimat li jitrasferixxi bhala libera u franka b’titolu ta’ xiri assolut l-art fabbrikabbli ‘Taz-Zejt’ limiti ta’ Birkirkara tal-kejl ta’ madwar 5 tmiem tlett sieghan erba’ kejliet u tmien decimi ta’ kejla (5T 3S 4.8K) li tinkludi nofs il-wisa’ ta’ sqaq li tmiss mill-Majjistral ma’ Sqaq Qniezah, mit-Tramuntana ma’ proprjeta’ tas-Sinjorina Helen Grech u ohrajn u min-Nofsinhar parti ma’ proprjeta’ tas-Sur Carmelo Borg u parti ma’ proprjeta’ tas-Sinjorina Catherine Sammut u dan bil-kumpens ta’ Euro 10,398.32 (ghaxart elef tlett mija tmienja u disghin euro u tnejn u tletin centezmu). Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-10 ta’ Dicembri 2008 fis-1.30 pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Richard Sladden LL.D. biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jtkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differrenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------